

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

I-1 ta' Diċembru 2011

Il-gvernijiet għandhom ukoll jikkommettu ruġhom għall-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea

Filwaqt li r-reviżjoni riċenti tal-Kodiċi hi pass fid-direzzjoni t-tajba, l-implimentazzjoni tagħha fis-Sistema Statistika Ewropea ma tilħaqx l-aspettattivi. Qabelxejn hu meħtieġ impenn iżjed b'saħħtu mill-gvernijiet sabiex il-Kodiċi jkun implimentat kollu minn dawk kollha involuti fl-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika uffiċjali affidabbli.

Numru ta' aspetti li għandhom impatt qawwi fuq l-indipendenza professjonali tal-Uffiċċji Nazzjonali tal-Istatistika huma f'idejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet politiċi. Dawn jinkludu regoli dwar il-ħatra u s-sensja tal-kap tal-uffiċċju tal-istatistika u dwar l-allokazzjoni ta' riżorsi, li jiddependu fuq bosta ċirkostanzi amministrattivi u politiċi fil-pajjiżi differenti. Madanakollu, l-uffiċċji tal-istatistika waħedhom qed jidhru li huma responsabbli biex jimplimentaw il-Kodiċi. Is-Sur Johnny Åkerholm, il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB), jikkonkludi li: "Il-Kodiċi hu għodda eċċellenti li tiżgura kwalità għolja ta' statistika, iżda dan ma jilħaqx lil dawk li jiddeċiedu dwar l-ambjent istituzzjonali. Dan irid jinbidel. Dawk responsabbli biex jiżguraw li l-uffiċċji tal-istatistika jittqiegħdu f'pożizzjoni istituzzjonali soda, u perspettiva finanzjarja ta' nofs iż-żmien li tassigura investimenti fi żviluppi futuri, għandhom jagħrfu r-responsabbiltà tagħhom li jsaħħu l-kredibbiltà tal-istatistika uffiċjali."

It-tielet rapport annwali tal-ESGAB għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill jiffoka fuq tliet prinċipji ewlenin tal-kodiċi: l-indipendenza professjonali, is-suffiċjenza tar-riżorsi u l-impenn fil-kwalità. L-ESGAB japprova r-reviżjoni riċenti tal-Kodiċi ta' Prattika u l-miżuri ppreżentati fil-Komunikazzjoni għal immaniġġjar sod tal-kwalità tal-Istatistika Ewropea COM(2011) 211. Ir-rapport jippreżenta 10 rakkomandazzjonijiet u jagħti opinjoni dwar l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' titjib fil-pajjiżi individwali. L-ESGAB itenni l-ħtieġa li l-leġiżlazzjoni tal-istatistika tkun immodernizzata u tkun implimentata fl-ispirtu tal-Kodiċi. L-ESGAB jistenna li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1997, li tiddefinixxi r-rwol tal-Eurostat, tkun aġġornata bħala prijorità. L-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika huma mħeġġa biex iżidu l-kollaborazzjoni fuq livell Ewropew u biex iżidu d-djalogu ma' dawk li jieħu deċiżjonijiet dwar il-baġit u l-politiki. L-ESGAB hu f'ħerqan ukoll għall-implimentazzjoni tal-qafas tal-immaniġġjar tal-kwalità introdott fil-Kodiċi ta' Prattika rivedut u li jassessja l-ewwel terminu ta' tliet snin li wasal biex jintemm.

Aktar tagħrif

Ir-rapport tal-ESGAB għall-2011 b'sommarju eżekuttiv jinstab fuq is-sit tal-ESGAB (<http://ec.europa.eu/esgab/>).

Kuntatt għall-assistenza tal-midja

Biex tagħmel appuntament għal intervista mal-President tal-ESGAB is-Sur Johnny Åkerholm, jekk jogħġbok ikkuntattja lis-segretarjat tal-ESGAB: Heli Lehtimäki (estat-esgab@ec.europa.eu), tel. +352 4301-36484.

Dwar l-ESGAB

Il-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika (ESGAB) għie stabbilit mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-2008 biex joffri ħarsa indipendenti tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea fis-Sistema Statistika Ewropea. Ix-xogħol tal-ESGAB għandu l-għan li jtejjeb l-indipendenza professjonali, l-integrità u r-responsabbiltà tas-Sistema Statistika Ewropea, li huma elementi ewlenin fil-Kodiċi ta' Prattika, kif ukoll itejjeb il-kwalità tal-istatistika Ewropea.

L-ESGAB għandu seba' membri. Xogħlu jinkludi t-tnejn ta' rapport annwali għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika safejn għandu x'jaqsam mal-Kummissjoni (Eurostat) u s-Sistema Statistika Ewropea b'mod ġenerali. L-ESGAB jagħti wkoll pariri lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar miżuri xierqa li jiffaċilitaw il-proċess.

Il-kunċetti ewlenin

Il-Kodiċi ta' Prattika tal-Istatistika Ewropea hu bbażat fuq 15-il prinċipju. L-awtoritajiet governattivi u tal-istatistika fl-Unjoni Ewropea jikkommettu ruħhom li jżommu mal-prinċipji tal-kodiċi li jkopru l-ambjent istituzzjonali, il-proċessi tal-istatistika u l-outputs. Għal kull prinċipju hemm sett ta' indikaturi ta' prattika tajba li joffru referenza għar-reviżjoni tal-implimentazzjoni tal-kodiċi.

Kodiċi ta' prattika:

http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/quality/documents/CoP_October_2011.pdf

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS): is-sħubija tal-awtorità tal-istatistika tal-Unjoni, li hija l-Kummissjoni (Eurostat), mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea (żur http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/ess_eurostat/introduction)